

*Gianluca Bezzina: Hu kburi b'Malta u aħna kburin bih*

# Kummenti li ġbarna…

**Tonio Portughese, Chairman PBS:** L-esperjenza li kellna f'din l-edizzjoni tal-Eurovision, anki għalija li attendejt għall-ewwel darba, tibqa' waħda memorabbli, partikolarment fis-sessjoni tas-semifinali tal-Ħamis bir-reazzjoni brijuża u emozzjonali meta smajna l-isem ta' MALTA wara li konna bdejna naqtgħu qalbna għax kienu diġà ssemmew tmien pajjiżi li għaddew.

Kien hemm xeni ta' ferħ mill-kontinġent Malti, mid-diriġenti u anki simpatija kbira minn ħafna ammiraturi minn pajjiżi oħrajn. Għadhom ċari x-xeni tal-bnadar Maltin jixxejru fl-arena ta' Malmö. Fhimna li l-ħidma qawwija li saret, kemm mużikali, artistika u anki tal-projezzjoni tal-*image* ta' Malta kienu taw il-frott tant mixtieq wara tant snin ma naslux sal-ewwel għaxra.

Imbagħad il-parteċipazzjoni fil-finali kkonfermat il-validità tal-kompożizzjoni u tal-interpretazzjoni friska ta' Gianluca, ħafna membri tal-udjenza jingħaqdu u jkantaw miegħu, xeni eċċezzjonali, u fuq kollox kien hemm sentiment komuni li ħassejna lilna nfusna kburin b'pajjiżna, fost l-iżgħar iżda b'tant talent, b'tant simpatija u ammirazzjoni.

Minbarra li nifraħ lil Gianluca u l-*band* tiegħu, irrid nirringrazzja b'mod partikolari lis-CEO tal-PBS Anton Attard u lil Joe Mizzi, predeċessur tiegħi fil-PBS, li ħadmu bla heda fid-diversi tħejjijiet organizzattivi b'attenzjoni fuq id-dettalji kollha. Grazzi lilhom mill-qalb għax kienu tassew strumentali f'dan is-suċċess.

**Enzo Gusman:** L-ipotesi 'tal-ġirien' jew 'ħbieb tal-ħbieb' hi waħda komda għal meta ma nakkwistawx pożizzjoni tajba. Għax meta kklassifikajna darbtejn it-tieni, allura kellna l-ġirien jew ħbieb tal-ħbieb?

Is-sitwazzjoni hi li ċerti kanzunetti jkunu magħrufa sew minn diversi pajjiżi viċin ta' dak il-pajjiż jew ieħor. Hekk jagħmlu l-pajjiżi tat-tramuntana, il-Baltiċi u Greċja u Ċipru. Aħna ma għandna l-ebda pajjiż viċin tagħna li jsegwi stazzjonijiet tar-radju Maltin, allura l-kanzunetta Maltija ma tinstemax biżżejjed.

Għalhekk irid ikollna kanzunetta super li tingħoġob bilfors… u *Tomorrow* hi dik it-tip ta' *song.. catchy, happy, middle-of-the-road,* sempliċi… mingħajr kumplikazzjonijiet u karnivalati.

*(Kumment meħud mill-paġna tal-'Facebook')*

**Toni Sant:** Hu ċar li l-parteċipazzjoni ta' Malta din is-sena tibni fuq dak li tgħallmu l-membri tal-istess delegazzjoni li issa ilhom jaħdmu flimkien għal tliet snin. Fil-fatt rajna dan jinbena fl-aħħar sentejn ukoll. L-aktar ħaġa importanti li jidher li ħadmet fuqha din id-delegazzjoni hi l-idea li Malta għandu jkollha kanzunetta li tintlaqa' tajjeb minn udjenza wiesgħa.

Din hi xi ħaġa li spikkat tassew f'*Tomorrow* sew f'dik li hi kompożizzjoni kif ukoll l-interpretazzjoni. Iżda biex inkunu ċari, dan kollu jista' faċilment jerġa' jintilef is-sena d-dieħla mingħajr kanzunetta li tolqot u mingħajr ma d-delegazzjoni Maltija tkompli tibni l-kuntatti professjonali li tant huma essenzjali f'dan il-qasam, speċjalment meta tqis li nofs il-voti huma mill-ġurija u mhux mill-pubbliku.

Il-Eurovision Song Contest inbidel sew fl-aħħar snin. Jinħass li kien hemm qabża kbira fil-kwalità, sew mill-aspett ta' produzzjoni televiżiva, kif ukoll f'dawk li huma kanzunetti li jinżlu tajjeb ma' udjenza li mhux neċessarjament soltu tfittex dak it-tip ta' pop assoċjat ma' dan il-festival.

Fl-aħħar mill-aħħar, naħseb li l-ġenerazzjoni l-ġdida qed tibda tara l-Eurovision għal dak li verament hu: programm tat-televixin li ftit li xejn għandu x'jaqsam max-xena mużikali b'mod aktar ġenerali. Spettaklu li jiċċelebra d-diversità bejn il-pajjiżi membri tal-EBU.

